Kulleġġ Santa Margerita

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015

| Ir-Raba' Sena | Reliġjon | Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

Isem: ________________________________________ Klassi: ______________

**A. Agħżel it-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju. (10 marki)**

1. Meta nieħdu sehem fil-(logħob, quddiesa, kompetizzjoni) inkunu aktar magħqudin mis-soltu bħalha l-familja t'Alla.
2. F'nofs il-belt jew raħal tagħna hemm (il-knisja, il-bandli, l-iskola).
3. Fl-antik ma kienx hawn knejjes kbar iżda knejjes żgħar li nsejħulhom (parroċċi, kmamar, kappelli).
4. L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi (tar-Rabat, tal-Birgu, tal-Mellieħa).
5. Il-katakombi kienu bħal (kmamar fil-kampanja, kmamar imħaffrin taħt l-art, kmamar fuq l-għoljiet).
6. Il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta nsibuha (fil-ktieb tat-talb, fl-Atti tal-Appostli,
   fid-dizzjunarju).
7. Il-ktieb l-Atti tal-Appostli kitbu (San Pawl, San Ġużepp, San Luqa).
8. Meta ġie Malta, San Pawl kien fi triqtu lejn (Ruma, il-Palestina, Kemmuna).
9. Bħala l-ewwel isqof ta' Malta, San Pawl ħalla warajh lil (San Luqa, San Mattew, San Publiju).
10. Aħna sirna membri tal-Knisja meta rċevejna s-sagrament (tal-Ewwel Tqarbina, tal-Magħmudija, tal-Qrar).
11. L-Isqof tagħna jmexxina f'isem (Ġesu`, San Stiefnu, San Ġużepp).

**B. Kompli l-istorja tal-miġja ta' San Pawl f'Malta b'dan il-kliem. (10 marki)**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Malta | jmut | alla | idu | jisbaħ | bil-lejl |
| ħatab | għereq | ~~erbatax~~ | ħafna | ħuġġieġa | |



Għaddew **erbatax-**il ġurnata resqin f'dik it-tempesta. Fl-aħħar indunaw li kienu resqin lejn l-art. Kien ______________________ u ma ridux jaħbtu ma' xi blata. Għalhekk tefgħu l-ankri u qagħdu jistennew li ___________________________.

Meta sebaħ raw bajja u telqu biex jidħlu fiha. Għalkemm il-baħar kien imqalleb, ilkoll waslu l-art u ħadd ma __________________________________. Kif niżlu l-art, saru jafu li l-gżira kien jisimha ___________________________. Il-Maltin laqgħuhom tajjeb ____________________, u qabbdulhom ____________________________ biex jisħnu.

F'daqqa waħda minn qalb il-_______________________, telgħet lifgħa, u gidmet lil Pawlu f'____________. In-nies stennewh se jaqa' u ___________________________. Imma Pawlu ma ġralu xejn u l-Maltin ħasbuh xi ________________________. Pawlu qalilhom mill-ewwel li hu ma kienx alla. Hu kien mibgħut minn Ġesu` biex jgħinna nsalvaw.

**Ċ. Kompli din it-talba.** **(10 marki)**

**Missierna**

Missierna li inti fis-________________________, jitqaddes

________________________, tiġi ________________________, ikun li trid

________________________ kif fis-sema hekkda fl-________________________.

________________________ ta' kuljum agħtina llum, ________________________

dnubietna bħalma ________________________ lil min hu ħati

________________________ u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-

________________________.

Ammen.

**D. Ikteb talba qasira biex titlob għall-bżonnijiet tal-missjunarji sabiex ikomplu jgħinu lil dawk in-nies fil-bżonn.** **(4 marki)**

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________



E. Qabbel billi tikteb in-numru kif muri fl-eżempju. **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Il-post fejn jinżamm Ġesu` Sagramentat. | | Sagristija |
| **2** | Meta jinħaraq jagħmel duħħan ifuħ. | | Konfessinarju |
| **3** | Il-post fejn il-qassis jilbes l-ilbies tal-quddiesa. | | Fonti |
| **4** | Minn hawn jindaqqu l-qniepen. | | Ambone |
| **5** | Il-post fejn isir il-qrar. | | Artal |
| **6** | Is-siġġu li fuqu joqgħod il-qassis. | **1** | Tabernaklu |
| **7** | Isejħulna biex nifirħu f'xi festa. | | Sedja |
| **8** | Il-post fejn jinżamm l-ilma mbierek. | | Inċens |
| **9** | Minn hawn tinqara l-Kelma t'Alla. | | Blandun |
| **10** | Il-post li madwaru ssir il-quddiesa. | | Kampnar |
| **11** | Din ix-xemgħa kbira tinxtegħel f'Sibt il-Għid u matul is-sena tkun ħdejn il-fonti tal-Magħmudija. | | Qniepen |

**F. Imla l-vojt bi kliem biex tgħaqqad din il-ġrajja. (10 marki)**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Marija | ġdida | waħda | appostli | riħ | mewt |
| dawl | ~~Ħamsin~~ | għallimhom | Knisja | Ispirtu | |



F'Għid il-**<u>Ħamsin</u>**, ħamsin jum wara li Ġesu` qam mill\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_, twieldet il-\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_. L-appostli kienu miġburin flimkien f'kamra kbira jitolbu. Magħhom kien hemm ukoll \_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_ u dixxipli oħrajn. F'daqqa waħda semgħu bħal \_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_ qawwi, li mela l-kamra fejn kienu jitolbu. Raw ukoll bħal \_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_, qisu nar, li qagħad fuq kull wieħed u \_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_ minnhom. Mir-riħ u d-dawl indunaw li kien niżel fuqhom l-\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_ li kien wegħedhom Ġesu`. L-____________________ u d-dixxipli bħal ħassewhom mibdulin. L-Ispirtu s-Santu tahom ħajja ____________________. Il-Knisja bdiet taħdem bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-appostli bdew jiftakru u jifhmu aħjar dak li ____________________ Ġesu`.

**Ġ. Għid min jien.  L-ewwel waħda hija eżempju.** **(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Jien omm Ġesu`. | **Marija** |
| 2 | Kont ma' San Pawl fuq il-ġifen u jien ukoll kap ta' mitt suldat. | |
| 3 | Immexxi l-Familja t Alla fid-dinja. | |
| 4 | Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb. | |
| 5 | Ir-raġel ta' Marija u ħadt ħsieb lil Ġesu`. | |
| 6 | Kont l-ewwel Papa. | |

**G. Wieġeb Veru jew Falz.** **(10 marki)**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Ħafna qaddisin mietu martri għal Ġesu`. | **Veru** |
| 2 | L-Isqof huwa l-Mexxej tal-Knisja kollha fid-dinja. | |
| 3 | L-ewwel martri kien San Stiefnu. | |
| 4 | Fit-tieġ ta' Kana Ġesu` biddel l-ilma f'inbid. | |
| 5 | Fra Diegu ħadem ħafna għat-tfal iltiema. | |
| 6 | San Ġużepp kien jagħmel ix-xogħol ta' sajjied. | |
| 7 | Mons Pawlu Cremona huwa l-Isqof t'Għawdex. | |
| 8 | Fil-knisja għandna nġibu ruħna sewwa kif jixraq lid-Dar t' Alla. | |
| 9 | Il-kapijiet tal-Lhud riedu lill-Appostli jgħallmu fuq Ġesu`. | |
| 10 | Il-festa ta' meta twieldet il-Knisja nsejħulha l-Milied. | |
| 11 | L-insara tal-bidu kienu jaqsmu bejniethom il-flus u l-affarijiet li kellhom biex jgħinu lill-foqra. | |

**GĦ. Min huma dawn in-nies tal-istampa? Qabbel ir-ritratt mal-isem u r-rwol tagħhom.** **(6 marki)**





| |
|---|
| Monsinjur Pawlu Cremona<br>L-Arċisqof Emeritu ta' Malta |
| Monsinjur Mario Grech<br>L-Isqof t'Għawdex |
| Papa Franġisku<br>Il-Mexxej tal-Knisja fid-dinja. |

**H. Ikteb x'għandek tagħmel bħala Nisrani/ja f'dawn is-sitwazzjonijiet.** **(10 marki)**

**Eżempju:** Meta n-nannu jkollu bżonn lil xi ħadd imur jixtrilu.
**Immur nixtrilu dak li jkollu bżonn.**

1. Meta tkun qed tilgħab ma' sħabek u tara tifla waħidha.

_______________________________________________

2. Tinduna li xi ħadd minn sħabek tal-klassi m'għandux kuluri biex ipinġi.

_______________________________________________

3. Il-mama` tistaqsik biex tagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar.

_______________________________________________

4. Tara anzjan/a ġġorr ħafna basktijiet.

_______________________________________________

5. Ħabib tiegħek jikser siequ u jkollu joqgħod id-dar.

_______________________________________________

Ħ. Ikteb 5 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn: (10 marki)





a) Il-Miraklu tat-Tieġ ta' Kana JEW b) Ir-Ragħaj it-Tajjeb

___

TMIEM IL-KARTA